MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1107/2012

**Peter Mercieca kif ezercitanti l-kummerc fl-isem Peter Mercieca Installations u Interactive Services Limited (C-20008) ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Assembly Data System SRL, socjeta' kummercjali registrata l-Italja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Peter Mercieca kif ezercitanti l-kummerc fl-isem Peter Mercieca Installations u Interactive Services Limited (C-20008) ghal kull interess li jista' jkollha, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Is-socjeta' Taljana intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' mitejn elf Ewro u wiehed (€201,000) bilanc minn somma akbar ta' erba' mija u sitt elef Ewro

(€406,000), kif dikjarat mill-istess socjeta' intimata fl-4 ta' Settembru 2009 (Dok. A), rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' estera intimata fuq inkarigu taghha stess.

Wara d-dikjarazzjoni maghmula minnha kif hawn fuq premess, is-socjeta' intimata effettwat pagamenti f'diversi perjodi u wara diversi interpellazzjonijiet, liema pagamenti jammontaw ghas-somma totali ta' mitejn u hamest elef Ewro (€205,000), sabiex baqa' l-bilanc mertu ta' din l-odjerna kawza.

L-ammont ta' mitejn u hamest elef Ewro (€205,000) gew imhallsa permezz tas-segwenti pagamenti (Dok. B): fit-12 ta' Novembru 2009 pagament ta' €50,000, fit-28 ta' April 2010 pagament ta' €15,000, fit-30 ta' Gunju 2010 pagament ta' €15,000, fl-4 ta' Awwissu 2010 pagament ta' €15,000, fis-7 ta' Ottubru 2010 pagament ta' €15,000, fit-8 ta' Novembru 2010 pagament ta' €15,000, fis-26 ta' Jannar 2011 pagament ta' €15,000, fit-12 ta' April 2011 pagament ta' €15,000, fis-26 ta' Lulju 2011 pagament ta' €20,000, fit-18 ta' Novembru 2011 pagament ta' €15,000 u fit-12 ta' Marzu 2012 pagament ta' €15,000.

Is-socjeta' estera intimata tikkontendenti ghar-ragunijiet taghha illi l-bilanc hawnhekk mitlub mhux kollu dovut, u filwaqt illi tibqa' ma thallasx dak minnha dovut, tippretendi illi thallas kemm jidhrilha opportun hi, inkluz illi ma thallasx imghax fuq transazzjoni kummercjali ta' din il-portata.

Is-socjeta' intimata giet diversi drabi debitament interpellata mir-rikorrenti sabiex thallas l-ammonti dovuti, inkluz mill-imghax, izda minkejja diversi weghdiet u promessi ta' hlas, hija baqghet inadempjenti.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' mitejn elf Ewro u wiehed (€201,000), kif hawn fuq spjegat u ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati.

Tordna u tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma msemmija ta’ mitejn elf Ewro u wiehed (€201,000).

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv. Tenut kont ukoll il-hlasijiet li saru akkont kif elenkat fit-tielet premessa, kontra s-socjeta’ intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra li tista’ tispetta lir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Marzu 2013, li permezz tieghu, il-Qorti awtorizzat in-notifika tal-kawza gewwa Pomezia Roma, Italia.

Rat li s-socjeta’ intimata kienet diga’ giet debitament notifikata fl-Italja fl-4 ta’ Frar 2013, f’idejn Sara Santoriello “dipendente awtorizzata” u dan skont ma jiccertifikaw l-awtoritajiet Taljani nkarigati bin-notifika.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhud.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi z-zewg rikorrenti qed jitolbu lis-socjeta’ intimata thallashom is-somma ta’ €201,000, bilanc ta’ somma akbar dovuta bhala prezz ta’ xoghol u materjal mibjugh lilha.

Ikkunsidrat illi s-socjeta’ intimata ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza u lanqas deher hadd biex jirraprezentaha fl-udjenza.

Ikkunsidrat illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati li l-istat ta’ kontumacja ma jekkwivalix ghall-ammissjoni tat-talbiet dedotti u jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw li t-talbiet taghhom huma misthoqqa.

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti ppruvaw it-talbiet taghhom kemm bid-dokumenti pprezentati, li wiehed minnhom huwa precizament ammissjoni tad-debitu kif ukoll permezz tax-xhieda viva voce ta’ Saviour Vassallo.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li Assembly Data System SRL hija debitrici taz-zewg rikorrenti fl-ammont ta’ mitejn elf Ewro u wiehed (€201,000); tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta’ Assembly Data System SRL thallas liz-zewg rikorrenti s-somma ta’ €201,000, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Assembly Data System SRL.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------